MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 109/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Daniel Damato**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Daniel Damato talli fil-11 ta' Jannar 2004 ghall-habta tal-11.00pm f'Ross Street St. Julian's kif ukoll fil-hinijiet ta'qabel u ta' wara fi bnadijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

(1) Ippermetta lil persuna ohra ssuq vettura nru. HAW-403 minghajr ma' kien kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(2) Meta gie mistoqsi minn membru tal-korp tal-pulizija, naqas li jaghti kull informazzjoni li biha l-pulizija setghet tasal biex issib il-persuna li kienet qieghda ssuq il-vettura nru HAW-403 meta hemm rapport li sar xi delitt jew kontravenzjoni;

(3) U aktar naqas li jobdi l-ordni legittima ta’ P.C. 670 W. Sheldon persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta’dmirijietu;

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Daniel Damato hati tat-tieni imputazzjoni u ikkundannatu ghall-multa ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) filwaqt illi lliberatu mill-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Daniel Damato tas-17 ta’ Mejju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka in parte s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull htija fir-rispett tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu filwaqt li tikkonferma s-sentenza ta’ nuqqas ta’ htija fil-konfront tieghu fir-rigward ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Ian Micallef ghall-appellant u ta' Dott. Michela Spiteri ghall-appellat Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Permezz tar-rikors ta' appell ghalhekk din il-Qorti giet mistiedna taghmel apprezzament gdid tal-fatti. In vista tal-fatt li x-xiehda li nstemghet quddiem l-ewwel Qorti ma kinitx traskritta, din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi kollha mismugha quddiem l-ewwel Qorti.

Issa l-unika imputazzjoni li dwarha l-appellant instab hati mill-ewwel Qorti kienet it-tieni wahda, cioe` dik li meta gie mistoqsi minn membru tal-Korp tal-Pulizija, naqas li jaghti kull informazzjoni li biha l-Pulizija tista' tasal biex issib il-persuna li kienet qieghda ssuq il-vettura Nru. HAW-403 meta hemm rapport li kien sar xi delitt jew kontravvenzjoni. M'hemm l-ebda dubju li huwa qieghed jigi akkuzat bi ksur tar-regolament numru 73 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994) li jipprovdi testwalment:

**"Is-sid ta' vettura huwa fid-dmir, meta jigi mistoqsi minn membru tal-Korp tal-Pulizija, li jaghti kull informazzjoni li biha l-Pulizija tista' tasal biex issib il-persuna li kienet qieghda ssuq il-vettura meta hemm rapport li jkun sar xi delitt jew kontravenzjoni"**.

Mill-provi migjuba jirrizulta li l-appellant mhuwiex sid il-vettura in kwistjoni u li sidha huwa missieru Mario Damato li f'ismu hija licenzjata l-istess vettura. L-appellant jammetti li fil-gurnata in kwistjoni l-vettura kienet f'idejh izda jichad li ghadda minn fejn membri tal-Korp tal-Pulizija xehdu li rawh ghaddej izda bhala passiggier. L-istess Regolamenti jiddefinixxu "sid" bhala "il-persuna li f'isimha tkun licenzjata u/jew registrata vettura bil-mutur". L-imsemmija vettura la hi licenzjata u lanqas registrata f'isem l-appellant. Lanqas ma jista' jinghad li huwa applikabbli ghalih is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 55 tal-Kap. 65. Billi huwa principju fondamentali li *nullum crimen sine lege*, l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant mhux hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u lliberatu minnhom, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u minflok tiddikjarah mhux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah ukoll minn dik l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------